**L-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Claudio Grech u l-Onor. Robert Cutajar, jipproponu:**

Il-Kamra:

Tinnota b'dispjaċir u tħassib serju li nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2020 il-pajjiż reġa' assista, għal tiġrif ieħor ta' residenza privata waqt xogħolijiet ta' kostruzzjoni, fil-Ħamrun, f'liema tiġrif, familja din id-darba ħallset l-ogħla prezz possibbli: il-mewt tas-Sinjura Miriam Pace, bint, mara u omm ta' familja;

Tinnota li l-iStat għandu fi ħdanu istituzzjonijiet li huma appożitament imwaqqfa biex iħarsu s-saħħa u s-sigurta' taċ-ċittadini fi kwalunkwe attivita' li tinvolvi xogħolijiet ta' kostruzzjoni, ewlenin fosthom l-Aġenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni, l-Awtorita' dwar l-Ippjanar, l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industija tal-Bini, il-Bordtar-Regolamenti tal-Bini, u l-Bord tal-Bennejja;

Tinnota li l-imsemmija istituzzjonijiet huma mħallsa mit-taxxi tal-poplu u huma mistennija li jaqdu d-doveri tagħhom u fi kwalunkwe każ li jservu ta' tarka għal persuni li jistgħu jkunu milquta ħażin minn xogħolijiet ta' kostruzzjoni;

Tafferma li, indipendentement u 'l hinn minn kull ħtija u/jew responsabilita' kriminali o meno li għad trid tkun determinata mill-Inkjesta Maġisterjali li qed issir a tenur tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta, l-iStat għandu responsabbilita unika u kbira li jrid jassumi u jġorr wara sensiela ta' tiġrif ta' bini waqt xogħolijiet ta' kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-każ li wassal għal mewt tas-Sinjura Miriam Pace;

Tfakkar li l-iStat Malti għandu obbligazzjonijiet pożittivi ("*positive obligations*" fid-diċitura tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) li jħares il-ħajja u jippromwovi l-inkolumita taċ-ċittadini tiegħu;

Tinnota li fl-1 ta' April 2016 ġie fis-seħħ il-Protokoll Numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li jorbot 'l iStat Malti jara li ebda ċittadin Malti ma għandu jkun miżmum, mċaħħad, mxekkel jew ostakolat mit-tgawdija ta' kwalsijasi dritt li għandna fil-liġi domestika Maltija;

Tara li huwa doveruż da parti ta' l-iStat Malti li jassigura li l-istituzzjonijiet hawn fuq imsemmija huma immexxija u mħaddma minn dak in-numru xieraq ta' persuni kompetenti, kapaċi u kwalifikati biżżejjed li huma mistennija jkollna biex isir infurzar effettiv tal-liġijiet kollha li jirregolaw is-settur vitali tal-kostruzzjoni f'Malta għall-ħarsien tal-ħajja u s-saħħa pubblika;

Peress li saru numru ta' talbiet għal inkjesta pubblika prinċipalment mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni Adrian Delia, dwar l-aġir jew possibbilment nuqqasijiet tal-awtoritajiet ta' pajjiżna dwar il-mewt tas-Sinjura Miriam Pace; u

Peress li għadda aktar minn xahar mill-mewt tas-Sinjura Miriam Pace u l-inkjesta pubblika hekk kif inhu xieraq ma' ġietx imwaqqfa.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Ittenni d-dispjaċir tagħha għall-fatt li s-Sinjura Miriam Pace mietet bħala konsegwenza ta' xogħol tal-kostruzzjoni.

2. L-Prim Ministru għandu jwaqqaf Inkjesta Pubblika a tenur tal-Att Dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) u jaħtar Bord ta' Inkjesta li jkun għal kollox indipendenti mill-Gvern u l-istituzzjonijiet imsemmija, sabiex fi żmien xahrejn mill-lum, jirraporta:

a. Jekk f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna wettqux dak li kien mistenni minnhom biex jipproteġu l-ħajja u l-interess ta' terzi, fosthom tas-Sinjura Miriam Pace, qabel u waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni rispettiv u jekk ħadux il-miżuri neċessarji biex dan jiġi żgurat;

b. Jekk il-miżuri li ħadu l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna kienux adegwati biex jipproteġu l-ħajja tas-Sinjura Miriam Pace minn dak ir-riskju;

c. Jekk, fid-dawl tal-mansjonijiet mogħtija lilhom skond il-Liġijiet ta' Malta, l-istituzzjonijiet setgħux jieħdu miżuri oħrajn biex jevitaw il-mewt tas-Sinjura Miriam Pace; u

d. Jekk fid-dawl tal-qafas istituzzjonali eżistenti li jirregola s-settur tal-kostruzzjoni, jekk min kien fdat fit-tmexxija ta' dawn l-istituzzjonijiet kienx suffiċjentement kwalifikat, imħarreġ, kompetenti, ippreparat u attrezzat biżżejjed biex ilaħħaq mal-obbligi tiegħu għal infurzar effettiv tal-liġijiet li jirregolaw is-settur tal-kostruzzjoni, aktar u aktar fid-dawl tan-numru ta' permessi ta' bini li nħarġu.

3. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn dak in-numru ta' persuni magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, iżda li jkun immexxi minn Imħallef sedenti tal-Qrati Superjuri ta' Malta u li tkun tinvolvi wkoll bħala membru Maġistrat sedenti.

4. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta' Inkjesta jkunu meħtieġa sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu.

5. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fl-istess ħin u mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-lum u r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u b'mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra.

**Onor. Adrian Delia**
**Kap tal-Oppożizzjoni**

**Onor. Claudio Grech**

**Onor. Robert Cutajar**